MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 162/2012

**Grazio sive Horace Cachia**

**vs**
**Agostino sive Winston Carbone u Verney Carbone**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ Agostino u Verney Carbone ghar-revoka ta’ sekwestru kawtelatorju numru 27/2011 mahrug fuq talba ta’ Grazio Cachia in kawtela ta’ allegat kreditu dovut lill-istess Cauchi fl-ammont ta’ €93,174.94;

Ir-rikorrenti qed jitolbu r-revoka ta’ dan il-mandat billi oltre s-sekwestru imsemmi li nhareg f’Jannar 2011 inhareg ukoll fil-konfront taghhom fi Frar 2011 mandat ta’ inibizzjoni numru 25/2011 li kien ikopri diversi ishma li huma ghandhom f’socjetajiet Maltin. Huma qed

jikkontendu illi s-sekwestru hu vessatorju f'dan l-istadju wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni billi b'dan il-mandat ta' inibizzjoni huma ben kawtelati l-interessi ta' Cachia u dan apparti li bis-sekwestru gew milqutin €20,000 appartenenti lir-rikorrenti. Inoltre r-rikorrenti ghandhom assi immobiljari li jissuperaw bil-bosta l-pretensjoni ta' Cachia.

Huma qed isostnu illi Cachia ipprezenta kawza ghal kanonizazzjoni tal-kreditu li qed tinstema' quddiem din il-Qorti kif presjeduta u mill-provi li jirrizultaw sa issa l-allegazzjoni tal-kreditu hi frivola u vessatorja u ghalhekk jezistu l-estrimi tal-artikolu 836(1)(b), (c), (d) u (f) ghat-tnehhija ta' dan il-mandat.

In subsidium ir-rikorrenti qed jitolbu li jekk din il-Qorti ma tilqghax it-talba ghar-revoka, ghandha tordna li Cachia jaghti garanzija sufficjenti ghal hlas ta' penali, danni w imghaxijiet f'kaz li jonqos li jirtira l-mandat in kwistjoni.

Grezio Cachia oppona ghal tnehhija tal-mandat ta' sekwestru billi (a) ir-rikorrenti naqsu li jgibu prova dwar l-assi li jallegaw li jipposjedu, (b) is-sekwestru u l-inibizzjoni ma jaghmlux tajjeb ghal pretensjoni ta' Cachia, (c) ma jezistux l-estremi tal-artikolu 836 ghar-revoka jew ghal garanzija.

Il-Qorti ikkunsidrat it-talba tar-rikorrenti. Hu pacifiku llum illi bejn il-partijiet hemm kawza li qed tinstema minn din il-Qorti kif presjeduta u qeda fil-fazi tal-provi attrici cioe ta' Grazio Cachia dwar it-talba tieghu ghal kanonizazzjoni ta' kreditu ta' €93,000 u oltre naxxenti minn skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Din il-Qorti taghmilha cara illi mhix ser tidhol, kif qed jippretendu r-rikorrenti, biex tinvestiga il-validita tal-provi prodotti fil-kawza sa issa biex tiddetermina l-vessatorjeta o meno tal-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontrihom. Tali indagini tkun ingusta ghal partijiet u tirrasenta n-nuqqas ta' imparzjalita jekk il-Qorti taghmel tali indagini f'dan l-istadju.

Dak li jinteressa lil Qorti f'dan l-istadju hu jekk prima facie Grazio Cachia kellux dritt jikkawtela dritt li qed jallega li kellu. Dan l-allegat dritt jinsorgi minn skritturi mertu tal-kawza bejn il-partijiet. A bazi ta' din l-iskrittura ta' debitu ta' 40,000 (ma hemmx indikazzjoni fl-iskrittura tal-munita) intalab u inhareg il-mandat. Dan il-mandat inhareg a riskju ta' min talbu u bil-konsegwenza li jgib mieghu jekk jirrizulta fil-futur li l-kreditu mhux dovut.

Issa r-rikorrenti qed jallegaw principalment illi in segwitu ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontrihom dwar bejgh jew assenjazzjoni ta' azzjonijiet li jipposjedu f'socjetajiet diversi, il-mandat ta' sekwestru hu zejjed u ghalhekk vassatorju. Il-prova li s-sekwestru hu zejjed ghax il-mandat ta' inibizzjoni b'dak kawtelat fih hu bizzejjed biex jipprotegi l-interessi ta' Grazio Cachia jekk jirrizulta vincenti fil-kawza li ppromuova, tispetta lir-rikorrenti. Dan ma ghamluh bl-ebda mod. Ma gabu ebda prova tal-valur tal-ishma fid-diversi socjetajiet kif kellhom l-obbligu bil-ligi li jaghmlu biex jirnexxu fit-talba. Ma hux kompitu tal-kontroparti li jgib prova negattiva.

Ir-rikorrenti wkoll jallegaw illi ghandhom bizzejjed proprjeta immobiljari biex taghmel tajjeb ghall-ammont pretiz minn Cachia. Pero hawn ukoll ma ngiebet ebda prova da parti tar-rikorrenti dwar dan oltre l-fatt illi la s-sekwestru u anqas l-inibizzjoni ma jolqtu proprjeta immobiljari tar-rikorrenti. L-intimat invece esebixxa r-rickerki tar-rikorrenti minn fejn jirrizulta li ma ghandhomx proprjeta immobiljari.

Ghalhekk dak li jirrizulta prima facie lil din il-Qorti hu s-segwenti. Grazio Cachia qed jallega li hu kreditur Winston u Verney Carbone fis-somma ta' €93,000 u ghandu kawtelat is-somma ta' €20,000 bis-sekwestru mertu ta' dan ir-rikors, u inibizzjoni milli Winston u Verney Carbone jitrasferixxu l-ishma li ghandhom f'diversi kumpaniji, liema ishma ma ghandhomx valur accertat kif kienu obbligati r-rikorrenti li jaghmlu jekk iridu li jaghmlu l-prova necessarja ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru jekk is-somma hemm kawtelata hi zejda kif qed jigi allegat. Dan ma ghamluhx u din il-Qorti ma tqis ebda raguni valida ghalfejn

dan il-mandat ta’ sekwestru ghandu jigi revokat fuq din il-bazi.

Ghalhekk ma jsibu ebda mertu l-artikolu 836(1)(b) ikkwotat mir-rikorrenti billi ma ngiebet ebda prova ta’ xi htiega ghal hrug tieghu li llum ma ghadhiex tezisti; l-artikolu 836(1)(c) dwar l-ezistenza ta’ garanzija alternattiva ghas-sekwestrant billi ma ngiebitx prova ta’ dan; l-artikolu 836(1)(d) li jitkellem dwar ammont kawtelat bhala mhux gustifikat jew eccessiv meta l-bazi tal-ammont pretiz hu skrittura ta’ debitu allegatament dovuta ghall-ammont indikat fis-sekwestru; l-artikolu 836(1)(f) fejn ma ngiebet ebda raguni ghalfejn dan il-mandat ma ghandux jibqa’ in vigore.

Ir-rikorrenti qed jitolbu bhala alternattiva ghar-revoka tal-mandat, l-impozizzjoni ta’ garanzija skond l-artikolu 838A. Ir-rikorrenti ma gabu ebda prova ta’ ’gusta causa’ ghalfejn ghandha tigi imposta din il-garanzija. Kif inghad il-mandat johrog a riskju ta’ min ikun talbu pero hu zbaljat jekk dan l-artikolu ghandu jinqara li kull mandat mahrug jippresupponi l-ghoti ta’ garanzija fl-eventwalita li min johrog il-mandat jirrizulta sokkombenti fl-azzjoni li jippromuovi in segwitu ghal hrug tal-mandat. Hu minnu illi bil-hrug tal-mandat ir-rikorrenti qed isofru inkonvenjent u pregudizzju potenzjali minhabba li ma jistghux juzaw l-assi maqbuda pero ma ngiebet ebda prova kontra dak li jirrizulta sa issa fuq bazi ta’ pretensjoni prima facie, ghalfejn is-sekwestrant ghandu jaghmel garanzija kontra dak minnu kawtelat ghax hemm gusta kawza ghal dan. L-intimat qed jippretendi hlas ta’ kreditu dovut lilu fuq skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu. Din wahedha tifforma l-bazi tal-hrug tal-mandat ta’ sekwestru liema sekwestru ma rrizultax bizzejjed biex jikkawtela l-pretensjoni ta’ min hargu. Kienet tkun differenti kieku r-rikorrenti wrew li l-pretensjoni ta’ Cachia hi ben garantita b’assi ohra u nonostante dan is-sekwestrant irrifjuta li jnehhi l-mandat. Pero dan mhux il-kaz.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 27/2011 hi ingustifikata u qed tichadha bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------